

Brussell, 4 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

13949/24

ENV 959
CLIMA 328
CHIMIE 72
COMPET 973
IND 454
PHARM 131
AGRI 698
RECH 421
ECOFIN 1072
ECO 38
SOC 719
SAN 570
CONSOM 294
MI 831
ENT 186

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem - Skambju ta' fehmiet

1. Fl-14 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà - Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità".
2. Il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi fl-10 ta' Lulju 2020, u l-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu "Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni" fil-15 ta' Marzu 2021¹.

¹ ST 6941/21.

3. Bil-ħsieb li tistruttura l-iskambju ta' fehmiet dwar l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fl-14 ta' Ottubru 2024, il-Presidenza ħejjiet dokument ta' informazzjoni u mistoqsijiet għall-Ministri fl-Anness ta' din in-nota.
 4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jieħu nota tad-dokument ta' informazzjoni tal-Presidenza, inkluż il-mistoqsijiet, u jibagħtu lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiet tiegħu dwar l-"Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem" fl-14 ta' Ottubru 2024.
-

Strategija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà – Is-sitwazzjoni attwali u t-triq 'il quddiem

- Skambju ta' fehmiet -

L-istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, introdotta mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2020, hija element ewlieni tal-isforzi tal-UE biex timmaniġġa s-sustanzi kimiċi b'mod li tipproteġi s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent filwaqt li tipprovdi impetu għall-innovazzjoni u tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE.

L-industrija kimika hija waħda mill-akbar setturi tal-manifattura tal-Ewropa u l-produzzjoni tagħha tiddependi ħafna fuq industriji oħra. Iż-żamma tal-kompetittività tagħha u ż-żamma ta' dan is-settur fuq perkors ta' żvilupp sostenibbli huma għalhekk vitali.

Bħalissa, l-industrija għaddejja minn bidla strutturali rapida peress li qed tiffaċċa sfidi sinifikanti, inkluż il-kostijiet li qed jiżdiedu, id-dipendenza fuq ir-riżorsi esterni u ż-żieda fil-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi, u għalhekk huwa partikolarment importanti li l-UE timmira li tikseb kemm ekonomija ċirkolari moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva kif ukoll ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi (Patt Ekoloġiku). Dawn il-kunsiderazzjonijiet iridu jiġu indirizzati flimkien sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u diġitali fl-UE.

L-istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi, li għandha l-għan li tindirizza r-riskji kumplessi u mifruxa assoċjati mas-sustanzi kimiċi perikolużi u tistabbilixxi aġenda ambizzjuża biex l-UE ssir attur ewlieni fl-użu ta' sustanzi kimiċi sikuri u sostenibbli, rat progress f'ħafna oqsma, inkluż il-kriterji biex jiġi definit l-użu essenzjali tal-aktar sustanzi kimiċi dannużi, l-approċċ ta' "sustanza waħda, valutazzjoni waħda" għal proċessi aktar rapidi, simplifikati u trasparenti, aktar restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu tal-merkurju fl-UE, Regolament rivedut dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi kimiċi (CLP) inkluż bi klassijiet ġodda ta' periklu, eċċ.

Madankollu, l-implimentazzjoni ta' xi azzjonijiet tal-Istrateġija, bħar-reviżjoni "mmirata" tar-REACH, għadha ma seħħitx. Ta' min jinnota wkoll li xi dispożizzjonijiet adottati reċentement, bħall-klassijiet ta' periklu introdotti reċentement fir-Regolament CLP emendat, ser juru l-effett sħiħ tagħhom biss flimkien ma' Regolament REACH rivedut.

Ir-Regolament REACH huwa ċentrali għall-politika tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi, bl-għan li jtejjeb il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent mir-riskji li jgħolqu s-sustanzi kimiċi. Ir-reviżjoni hija essenzjali biex jiġu indirizzati l-lakuni attwali fir-regolament, bħat-titjib tal-konformità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni; identifikazzjoni aħjar ta' sustanzi bi proprjetajiet kritiċi ta' periklu; it-titjib tas-sistema ta' awtorizzazzjoni; it-tisħiħ tal-proċess ta' restrizzjoni, eċċ. Il-kapaċità li jiġu ġestiti r-riskji kimiċi b'mod komprensiv u li jiġi żgurat użu aktar sikur tas-sustanzi kimiċi tirrikjedi li jiġu indirizzati dawn il-lakuni.

Fir-rigward tas-sustanza per- u polifluworoalkilata (PFAS), il-ħames awtoritajiet nazzjonali li ppreżentaw id-dossier "PFAS universali" u l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għamlu passi sinifikanti fil-progress tal-proposta, madankollu, huwa importanti wkoll li jitqiesu bir-reqqa l-implikazzjonijiet għas-soċjetà u għall-industrija li jiddependu fuq l-użi ta' dawn is-sustanzi bi proprjetajiet uniċi. Għaldaqstant, hemm bżonn ta' approċċ ibbilanċjat li jippromwovi l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' alternattivi aktar sikuri, filwaqt li jiżgura ċ-ċarezza u l-konformità regulatorji, u b'hekk jgħin biex jittaffew l-effetti negattivi tal-PFAS. Madankollu, jeħtieġ li tintlaħaq konklużjoni fi żmien xieraq, sabiex jiġi evitat li jiġi pperikolat l-iżvilupp sostenibbli tal-industrija tal-UE, u l-kisba ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u tas-saħħa.

Il-kunċett fundamentalment ġdid stabbilit fil-"Kriterji u prinċipji ta' gwida għall-kunċett ta' użu essenzjali fil-leġiżlazzjoni tal-UE li tittratta s-sustanzi kimiċi" introdott bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C/2024/2894 fis-26 ta' April 2024, għad irid jiġi applikat fil-prattika. Dan ikun strumentali biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u tiġi pprovduta aktar ċertezza.

Ta' min jinnota li minbarra l-benefiċċji tagħhom għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, xi obbligi regolatorji li għadhom kif ġew adottati jpoġġu piż amministrattiv akbar fuq l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Barra minn hekk, il-monitoraġġ u l-infurzar ta' dawn l-obbligi ser jeħtieġu riżorsi sinifikanti biex tiġi evitata applikazzjoni inkonsistenti li timmina l-effettività tal-miżuri regolatorji.

Barra minn hekk, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-ECHA espandew b'mod sinifikanti, kemm fl-ambitu kif ukoll fil-komplessità. L-obbligi regolatorji l-ġodda u l-espansjoni kontinwa joħolqu kapaċità sostanzjali u sfidi baġitarji għall-Aġenzija, kif ukoll għal xi Stati Membri f'termini tan-nomina ta' għadd suffiċjenti ta' esperti għall-kumitati tal-ECHA. Għadha fil-proċess ta' żvilupp proposta għal regolament bażiku tal-ECHA, li għandu jsaħħaħ il-governanza tagħha, jissimplifika l-metodi ta' ħidma tal-korpi tal-ECHA u jagħmel il-finanzjament tagħhom aktar flessibbli u sostenibbli. Peress li l-Aġenzija għandha rwol ċentrali fl-implimentazzjoni tal-liġijiet kimiċi tal-UE, it-tisħiħ tat-tħaddim u tal-mudell finanzjarju tagħha huwa kruċjali biex jissaħħu l-effettività u s-sostenibbiltà operazzjonali tagħha. L-ECHA jrid ikollha l-kapaċità li tappoġġa l-ġestjoni sikura tas-sustanzi kimiċi u li tirrispondi malajr għar-riskji kimiċi emerġenti li jaffettwaw l-effiċjenza regolatorja ġenerali.

Il-President tal-Kummissjoni ddikjarat fil-linji gwida politiċi tagħha għall-Kummissjoni l-ġdida li rridu u ser nibqgħu mexjin lejn l-għanijiet stabbiliti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, meta tħabbar il-"Patt għal Industrija Nadifa" il-ġdid. Element importanti ta' dan il-ftehim il-ġdid huwa Pakkett għall-Industrija tas-Sustanzi Kimiċi li għandu l-għan li jissimplifika r-REACH u jipprovdi ċarezza dwar "sustanzi kimiċi dejjiema", jew PFAS.

B'mod ġenerali, għandu jkun ta' prijetà għall-UE u l-Istati Membri tagħha li jilhqqu l-oġettivi tal-Istrateġija filwaqt li jqisu wkoll l-isfidi l-ġodda. F'dan ir-rigward, xi oqsma oħra jeħtieġu ċarezza urġenti u progress rapidu, kemm biex tissaħħaħ il-protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE u tal-ambjent u, peress li f'xi każijiet alternattivi kimiċi aktar sikuri jistgħu jeħtieġu investiment sinifikanti fir-riċerka u l-iżvilupp, biex jiġi żgurat ambjent ta' investiment prevedibbli għall-industrija.

L-għan ewlieni ta' dan l-iskambju ta' fehmiet huwa li tiġi enfasizzata l-prominenza tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà fuq l-aġenda politika taċ-ċiklu politiku li jmiss u li jiġi appoġġat it-tħaffif tat-twettiq tal-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li tiġi pprovduta ċarezza kemm għall-industrija kif ukoll għall-awtoritajiet fir-rigward tal-miżuri li jmiss.

Mistoqsijiet għall-ministri:

1. *L-azzjonijiet stabbiliti fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għadhom adatti għall-fini li jiġu indirizzati l-isfidi identifikati u li jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija? Hemm bżonn li jiġu prijoritizzati ċerti azzjonijiet li għadhom ma ġewx implimentati?*
2. *Hemm xi sfidi ġodda u emerġenti sa mill-adozzjoni tal-Istrateġija li għaliha huma meħtieġa approċċi ġodda, flimkien ma' pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni aġġornat u fattibbli?*
3. *Liema modi (oħrajn) ta' implimentazzjoni huma disponibbli għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u għall-Istati Membri biex jindirizzaw id-dewmien, jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-Istrateġija u jiżguraw l-eżekuzzjoni adegwata ta' kompiti ġodda?*